**Fis-sigħat bikrin ta' filgħodu**

Fis-sigħat bikrin ta' filgħodu
Tirt ferħana lejn is-sema,
Minn fejn ismek se jibqa' mfakkar
Bl-akbar għożża, sliem u hena.
Ismek ħelu jibqa' ifakkarna
Fl-egħeżeż Omm xempju l-ommijiet,
L-għażiża w l-Imqaddsa Marija
Il-barka tal-barkiet.

L-istess bħalma int kont għalina
Dejjem ħelwa u ferħana,
Kemm għallimtna li hawn f'dil-ħajja
Jekk irridu s-sliem magħna.
Għandna nifħu qalbna wisq beraħ
Li tgħaqqadna lkoll mal-Mulej,
U timliena b'kotra ta' faraġ
Issa u f'dak li ġej.

Biex qatt aktar ma naqtgħu qalbna
'Mma nibqgħu bil-qalb niżirgħu,
Dik l-imħabba ħelwa fl-għemejjel
Għax biha nibqgħu nimirħu.
Lejn is-sema li jibq'għal dejjem
Dik l-għamara l'hemm għalina,
Jekk nixtiequ b'qalbna kollha li
Kristu jiddi fina.

Hi l-imħabba li tassew tfejjaq
Kif jgħallimna l-qaddis tal-jum,
It-tabib Giuseppe Moscati
F'Napli għall-fqar kien il-bastun.
Bħalm'int ukoll għażiża oħtna
Tfakkarna li f'riġlejh noqgħodu,
Biex nitgħallmu l-ħniena fis-sigħat
bikrin ta' filgħodu.

Patri Mario Attard OFM Cap
16 ta' Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.